**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Gunju 2022**

**<u>Rikors nru : 34/2020 AGV</u>**

**FS**

**vs**

**DM E**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 7 ta' Frar 2020;**

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni li minnha twieldet il-minuri JSE fit-23 ta’ Novembru 2011, fl-Isptar Mater Dei, u dan hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid, anness u mmarkat Dok A;
2. Ili l-imsemmija minuri tirrisjedi mal-intimata;
3. Illi ftit wara li ntemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet, l-intimata bdiet timpika mar-rikorrenti, u ma bdietx taghtih access regolari lir-rikorrenti ghall-minuri;
4. Ili bl-ghan li jipprova jirregolarizza is-sitwazzjoni ta’ bejniethom, ir-rikorrenti fetah proceduri ta’ medjazzjoni fit- 23 ta’ Settembru 2015 – Numru 1383/2015, liema proceduri ntemmu fi ffirmar ta’ ftehim privat bejn il-partijiet, datat 19 ta’ Dicembru 2017;
5. Illi sfortuntament, l-intimata ma damitx ma regghat bdiet timpika u fit-31 ta’ Jannar 2018, ir-rikorrenti rega’ nieda proceduri ta’ medjazzoni ohrajn numru 151 /2018 ghal liema procedura, l-intimata baqghet passiva totalment, Dawk il-proceduri gew maghluqa fit- 2 ta’ Settembru 2019, u r-rikorrenti rega’ ghat-tielet darba fetah medazzjoni ohra numru 1165/2019 liema medjazzjoni ukoll ma wasslet ghal ebda progress minhabba intransigenza u pika tal-intimata. Fil-fatt dina l-Onorabbli Qorti, ghalqet il-medazzjoni fil- 11 ta’ Dicembru 2019.
6. Illi tul dal-proceduri, kollha u anka mil-mod kif l-intimata ggib ruhha mar-rikorrenti, huwa mil-aktar evidenti li hi trid taqta lir-rikorrenti u l-familja tieghu mil-hajja tal-minuri bl-ghan li taljenha mil-familja paterna taghha. Illi fil-fatt fit- 2 ta’ Settembru 2019 ir-rikorrenti ssottometta rikors quddiem dina l-Onorabbli Qorti , sabiex ikun jista’ jinghata access ghal minuri, u b’ digriet tal- 14 ta’ Ottubru 2020 dina l-Onorabbli Qorti akkordat access lir-rikorrenti kull nhar ta’ Tnejn u Erbgha mis-2.00 pm sa 7.30 pm matul is-sena skolastika, filwaqt li matul il-vaganzi tas-sajf, u dawk tal- Milied, u l-Ghid il-Kbir, kull nhar ta’ Tlieta mil- 10.00 am sat-3.00 PM , u kull nhar ta’ Hamis mil- 5.00 pm sa 10.30 pm.

7. Illi bl-istess digriet il-Qorti akkordat access lir-rikorrenti fil-weekend b' mod alternat bejn il-gimgha u ohra, b' dan li fl-ewwel weekend, l-access ikun ezercitat fil-jum tal-Gimgha mis- 6.00 pm sal-ghada s-Sibt fis-1.00 pm, u fil-weekend ta' wara, mis-Sibt fis- 6.00 pm sal-Hadd 1.00pm.
8. Illi di piu, b ' rikors datat 13 ta' Novembru 2019, l-intimata talbet lil dina Onorabbli Qorti, sabiex, tiddikjara r-residenza ordinarja tkun mal-omm, tawtorizza lill-omm tieghu decizjoniiet ordinarji wehidha, tillikwida manteniment fl-ammont ta' Ewro 350 fix-xahar, ihallas nofs l-ispejjes eduskattivi u ta' sahha u dawk extra kurrikulari , u tordna lir-rikorrenti ihallas is-somma arbitrarja ta' Ewro 712.30, bhala arretrati. Illi b' digriet datat 19 ta' Dicembru 2020, dil-Onorabbli Qorti, cahdet l-ewwel u tieni talba u astjeniet mil-hames talba, filwaqt li laqghet it-tieni talba u likwisat il-manteniment ghal Ewro €200 f' xahar u laqghet ukoll ir-raba' talba.
9. Illi ricentament l-intimata, qed taghmilha ma' kumpanija u postijiet li ma tantx jistghu jaghtu ezempju tajjeb lil minuri filwaqt li r-rikorrenti qieghed f' relazzjoni stabbli u jghix f ' ambjent li hu ta' gid ghall-minuri.

**Ghldaqstant, tghid ghalhekk il-konvenuta, ghal ragunijiet permessi ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prejva kull dikjarazzjoni li tkun necessarja ma ghandhiex;**

1. Tiddikara li l-kura u l-kustodja tal-minuri, JS E ghandha tkun fdata esklussivament f' idejn ir-rikorrenti jew fin-nuqqas jekk il-kura u kustodja tkun kongunta, bejn il-partijiet, ir-rikorrenti ghandu dritt li jippartecipa bis-shih fit-tehid tad-decizjonijiet rigwardanti l-minuri;

2. Tordna u takkorda l-access tar-rikorrenti ghall-minuri JSE skont kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni ta' dar-rikors guramentat, jew skont kif jidhrilha li hu xieraq dina l-Onorabbli Qorti;
3. Taghti dawk l-ordnijiet u direzzjonijiet li jidhrilhaq xieraq u ta' gid ghall-minuri skont ma jirriulta mit-trattazzjoni tal-prezenti rikors;

**Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ingunta in subizzjoni.**

**Rat ir-risposta tal-intimata datata 7 ta' Mejju 2020 ;**

1. Illi l-esponenti taqbel li kellha relazzjoni mar-rikorrenti minn dir-relazzjoni twieldet JS E fit- 23 ta' Novembru 2011.
2. Illi huwa minnu ukoll li l-imsemmija minuri, li llum ghadha tmien snin dejjem kienet u ghadha tirrisjedi ma' ommha l-intimata.
3. Illi it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.
4. Illi huwa totalment inveritier li l-intimata qatt cahdet lir-rikorrenti access ghal bintu.
5. Illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikkorrenti in rejalta' l-missier huwa inkosistenti fl-access tieghu ghal bintu ta' sikwiet, partikolarment matul il-gimgha, jibghat lil genituri tieghu ghat-tifla sabiex tqatta' l-hin sostanzjali tal-access maghhom, minflok mieghu.
6. Illi huwa ukoll totalment inveritier, li ricentament l-intimata qed taghmilha ma' kumpaija u tkun f' postjiet li ma tantx jistghu jaghtu ezempju tajjeb lil minuri, filwaqt li r-rikorrenti qieghed f 'relazzjoni stabbli, u jghix f' ambjent li hu ta gid ghal minuri'. Filfatt l-intimata qieghda f ' relazzjoni stabbli ta' kwazi erba 'snin, sahansitra ghandha tizzewweg f' Dicembru li gej ma' ragel li ghandu imhabba u rispett reciproka mat-tifla J, u ghandu

relazzjoni tajba ferm maghha. Izda l-istess ma jistax jinghad ghar-relazzjni li -ttifla ghandha mal-partner tar-rikorrenti missier liema relazzjoni hija wahda ferm tempestuza u ta' hsara ghat-tifla. Lanqas hu minnu lil-omm tattenedi xi postijiet ta' ezempju hazin ghat-tifla. Il-postijiet li l-omm tattendi kemm mat-tifla kif ukoll minghajrha, huma postijiet decenti, u apporijati u ta' gid ghall-minuri.

7. Illi ghalhekk in vista tal-premess, u ghal ragunijiet ohra li ser jigu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti umilment tissotometti li ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-miunri JSE , tkun fdata esklussivament f ' idejn ir-rikorrenti u konsegwentament, it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda.
8. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Il-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom, li minnha twieldet tifla, JS E fit-23 ta' Novembru, 2011, u ghalhekk illum it-tifla ghandha ghaxar snin. Wara li r-relazzjoni ta'

bejniethom kienet spiccat, il-partijiet kienu ftehemu permezz ta' kuntratt dwar kura w kustodja, manteniment u access. Madankollu, l-attur ihoss li tul iz-zmien, il-konvenuta ma kienetx qed thallih iqatta' bizzejjed hin ma' bintu, u ghalhekk fetah medjazzjonijiet godda, sabiex il-ftehim milhuq bejniethom jigi varjat. Sussegwentement infethu dawn il-proceduri, u gew annessi l-atti ta' medjazzjoni li l-partijiet kellhom bejniethom.

**<u>Medjazzjoni</u>**

Jirrizulta li fl-atti tal-medjazzjoni kienu nghataw xi digrieti. Dawk relevanti huma s-segwenti:

1. Digriet tal-14 ta' Ottubru 2019, wara talba tal-Missier, il-Qorti akkordat:
   a) Fix-Xitwa: Access ghall-Missier kull nhar ta' Tnejn u Erbgha mis-2pm sas-7.30pm kif ukoll 'sleepover' darba mill-Gimgha fis-6pm sas-Sibt fis-1pm, alternat il-gimgha ta' wara mis-Sibt fis-6pm sal-Hadd fis-1pm
   b) Fis-Sajf u l-vaganzi kemm tal-Ghid u kemm tal-Milied: Kull nhar ta' Tlieta mill-10am sat-3pm, u nhar ta' Hamis mill-5pm sal-10.30pm, kif ukoll 'sleepover' darba mill-Gimgha fis-6pm sas-Sibt fis-1pm, alternat il-gimgha ta' wara mis-Sibt fis-6pm sal-Hadd fis-1pm.

2. Digriet tad-19 ta' Dicembru 2019 wara talba tal-Omm, il-Qorti ordnat:
   a) Li l-missier ihallas manteniment ta' Euro €200 fix-xahar flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tat-tifla.

**<u>Provi</u>**

**<u>Provi tal-Attur</u>**

L-attur prezenta l-affidavit tieghu fit-23 ta' Lulju 2020 (a fol. 20-22 tal-process) li fih jghid li l-partijiet kienu qablu u waslu ghall-ftehim u anke ffirmaw skrittura fid-19 ta' Dicembru 2017. Hu jispjega li l-iskrittura ma giex approvata minhabba

intopp legali u sussegwentement l-konvenuta rrifjutat illi terga' tersaq biex tiffirmaha, u ghalhekk kellu jerga' jiftah il-medjazzjoni (darbtejn), li sussegwentement wasslu ghal dil-kawza.

Hu jilmenta wkoll li l-Omm anke timla' parti mill-hin tal-access tieghu ma' bintu b'attivitajiet extra-kurrikulari per ezempju jghid li tibghatha l-muzew nhar ta' Tnejn meta hu ghandu l-access anke jekk tista' tibghatha l-Hamis. Bl-istess mod tibghatha Skola Sports nhar ta' Gimgha waqt l-access tieghu.

<u>Fl-affidavit jghid li huwa qed jitlob s-segwenti access:</u>

1. Fix-Xitwa: Kull nhar ta' Tnejn u Erbgha minn wara l-iskola sas-7.30pm, kif ukoll 'sleepover' darba mill-Gimgha fis-6pm sal-ghada s-Sibt fis-6pm, alternat il-gimgha ta' wara mis-Sibt fis-1pm sal-ghada l-Hadd fis-6pm.
2. Fis-Sajf: Kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u Gimgha mis-1pm sat-8pm, kif ukoll 'sleepover' kif fuq spjegat.
3. Qed jitlob li fil-weekend tal-Fathers's Day it-tifla tkun mieghu u fil-weekend tal-Mother's Day tibqa' m'ommha.
4. Kif ukoll li f'sena t-tifla tkun mieghu minn Lejliet il-Milied fil-11am sal-ghada Jum il-Milied fil-11.30am, kif ukoll min-nhar l-Ewwel tas-Sena fil-11am sal-ghada 2 ta' Jannar fis-6pm; u s-sena ta' wara min-nhar il-Milied fil-11am sal-ghada Boxing Day fis-6pm, kif ukoll minn Lejliet l-Ewwel tas-Sena fil-11am sal-ghada nhar l-Ewwel tas-Sena fil-11.30am.

L-attur ressaq ukoll affidavit tal-partner tieghu RV fis-seduta tal-5 t'Ottubru 2021. Ix-xhud tispjega kif it-tifla ghandha relazzjoni tajba hafna kemm ma' missierha u kemm maghha u ma' uliedha (wiehed mil-liema huwa hu l-minuri J). Hi tispjega kif l-Omm spiss timpika u ma tikkollaborax u tichad li huwa ma

jhallux lit-tifla tkellem lill-Ommha meta tkun maghhom. Hi anke tixhed kif meta huma kitbu lit-tifla fl-iSchool of Arts, l-Omm kienet twassalha tard ghax ikollha impenn ta’ beauticians etc u dan jirrizulta anke mir-rapport tal-ghalliema tat-tifla.

**Provi tal-konvenuta**

Hija prezentat l-affidavit taghha (a fol. 40-45 tal-process) nhar it-23 ta’ Lulju 2020. Fl-affidavit hija tmur lura ghal dak li wassal ghat-tifrik tar-relazzjoni u tghid li filwaqt li hija dejjem tipprova tikkollabora mhux l-istess jinghad ghall-attur missier.

Hi tghid li l-access huwa sporadiku u ghalkemm il-missier jghid li huwa flessibli bix-xoghol spiss jigbru lit-tifla n-nanniet u mhux hu. Hi tghid li l-minuri ma tmurx tajjeb mal-partner ta’ missierha anke jekk tmur tajjeb hafna kemm ma’ missierha u kemm ma’ huha li twieled mir-relazzjoni li missierha ghandu mal-partner attwali tieghu.

Fis-seduta tat-18 ta’ Jannar 2022 sar il-kontroezami tal-konvenuta mil-liema rrizulta li l-attrici tahdem 40 siegha, mit-8am sal-5pm mal-MFSA bhala Banking Supervision Analyst. Hi tixhed li m’ghandhiex oggezzjoni li t-tifla tkun man-nanniet paterni, jekk jinzerta waqt l-hin li hi tkun xoghol.

**IKKUNSIDRAT:**

Fis-seduta tat-18 ta’ Jannar 2022 l-attur iddikjara li ma fadallux provi salv ghal xi dokumenti. Il-Qorti tatu sal-31 ta’ Jannar 2022 biex jipprezenta l-istess anke jekk jirrizulta li dawn baqghu ma waslux.

Fis-seduta tat-22 ta’ Frar 2022, il-Qorti innotat li l-attur ma pprezentax id-dokumenti li semma’ u estendiet t-terminu ghall-prezentata tal-affidavits tal-konvenuta u thalliet ghall-kontroezami tal-attur.

Fil-21 ta’ Frar 2022, l-konvenuta prezentat l-affidavit ta’ zewgha, SG li wkoll ikkonferma li t-tifla ghandha relazzjoni tajba maz-zewg genituri, anke jekk skontu l-attur spiss jimpika u anke xehed kif it-tifla ma tmurx tajjeb mal-partner ta’ missierha, tant li gieli tghid lil missierha biex ma tmurx ghall-isleepover ghax ikun hemm il-partner tieghu u minflok tmur ghall-access ta’ fost il-gimgha.
Fis-seduta tas-26 t’April 2022, sar il-kontroezami tal-attur, fejn ikkonferma l-verzjoni ta’ fatti kif esposti minnu.

**Konkluzjonijiet**

Minn ezami ta’ dawn il-provi prodotti, huwa ferm evidenti ghall-Qorti li din il-kawza hija biss kawza frott ta’ pika u xejn iktar.

Il-versjonijiet moghtija miz-zewg partijiet fl-affidavits taghhom huma diametrikament opposti ghal xulxin. It-tnejn jghidu li huma jikkollaboraw filwaqt li n-naha l-ohra ma tikkollaborax. Mhux kontestat li huma kienu ffirmaw skrittura fid-19 ta’ Dicembru 2017 li l-Qorti m’approvatx ghax bi zball giet prezentata tramite rikors generali minflok medjazzjoni. Li kieku dak l-izball seta’ jigi ssanat, forsi kienu jigu evitati dawn il-proceduri. Ghalhekk dik l-iskrittura llum m’ghandhiex sahha legali, ghax ma gietx segwita bi procedura tajba, izda xorta wahda tirrifletti l-intenzjoni tal-partijiet.

Jirrizulta li l-konvenuta m’ghamlitx kontro-talba f’dil-kawza; ghalhekk il-Qorti tista’ biss tiddeciedi t-talbiet tal-attur. Kif hawn fuq inghad, il-kawza hija biss frott ta’ pika infantili. Huwa ta’ ghajb ghall-partijiet li mhux qed jaraw il-hsara li qeghdha ssir lil binthom bl-agir taghhom, mitlufin fi glied bla bzonn. Ikun hafna ahjar li l-partijiet jaghrfu dan mill-aktar fis u jaghmlu minn kollox biex ma jibqghux jintilfu aktar f’argumenti bla bzonn.

Dak li qed jitlob l-attur bhala zieda fl-access, tramite l-affidavit tieghu, ma jidherx li huwa esagerat jew xi haga ta' barra minn hawn. Ma hemm ebda impediment jew suspett li l-attur mhuwiex xi missier tajjeb. Ma gew prodotti ebda provi illi jindikaw li l-attur ma jimmeritax aktar hin ma' bintu.

Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet attrici bil-mod segwenti:-

1. Il-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata f'idejn il-partijiet b'mod kongunt;
2. L-access tal-Missier versu l-minuri ghandu jigi esercitat bil-mod segwenti:-
   a) Fix-Xitwa, kull nhar ta' Tnejn u Erbgha minn wara l-iskola sas-7.30pm b'dana illi jrid jaghmel il-homework maghha, kif ukoll fi tmiem il-gimgha bi 'sleepover' darba mill-Gimgha fis-6pm sal-ghada s-Sibt fis-6pm, alternat il-gimgha ta' wara mis-Sibt fis-6pm sal-ghada l-Hadd fis-6pm.
   b) Fis-Sajf, fil-Vaganzi tal-Ghid u tal-Milied, kull nhar ta' Tnejn u Erbgha mis-1pm sat-8pm, kif ukoll fi tmiem il-gimgha 'sleepover' darba mill-Gimgha fis-6pm sal-ghada s-Sibt fis-6pm, alternat il-gimgha ta' wara mis-Sibt fis-6pm sal-ghada l-Hadd fis-6pm.
   c) Fil-weekend tal-Fathers's Day it-tifla tkun mieghu u fil-weekend tal-Mother's Day tibqa' m'ommha.
   d) Kif ukoll li f'sena t-tifla tkun mieghu minn Lejliet il-Milied fil-11am sal-ghada Jum il-Milied fil-11am, kif ukoll min-nhar l-Ewwel tas-Sena fil-11am sal-ghada 2 ta' Jannar fis-6pm; u s-sena ta' wara min-nhar il-Milied fil-11am sal-ghada Boxing Day fis-6pm, kif ukoll minn Lejliet l-Ewwel tas-Sena fil-11am sal-ghada nhar l-Ewwel tas-Sena fil-11am.

Dan seta' facilment gie maqbul bejn il-partijiet, li kieku ma kellhomx il-marda Maltija tal-ghebusija tar-ras. Kienu jiffrankaw hafna hin, hafna spejjez

gudizzjarji, izda aktar minn hekk, kienu juru lil binthom illi fejn jidhlu l-bzonnijiet taghha, kienu kapaci jinsew id-differenzi ta' bejniethom u jahdmu flimkien ghall-gid taghha, biex anke hi tifhem u tara b'ghajnejha li z-zewg genituri verament ihobbuha, kemm bil-kliem izda b'mod specjali bil-fatti. Il-Qorti tawgura ghalhekkilli millum 'il quddiem, il-partijiet iwarrbu d-differenzi ta' bejniethom u jaghtu aktar kaz tal-bzonnijiet u l-htigijiet tat-tifla.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

1. Tiddikara li l-kura u l-kustodja tal-minuri, JSE ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet, u ghalhekk ir-rikorrenti ghandu dritt li jippartecipa bis-shih fit-tehid tad-decizjonijiet rigwardanti l-minuri;
2. Tordna u takkorda l-access tar-rikorrenti ghall-minuri JSE skont kif indikat aktar 'il fuq fis-sentenza.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Onor. Anthony Vella** **Cettina Gauci- Dep Reg**